

32005D0933

L 340/70

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

23.12.2005

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Diċembru 2005

li temenda għat-tieni darba d-Deċiżjoni 2005/693/KE dwar ċerti miżuri protettivi rigward l-influenza tat-tjur fir-Russja

(innotifikata taħt dokument numru C(2005) 5563)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2005/933/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/496/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni ta' kontrolli veterinarji fuq annimali li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi u li temenda d-Direttivi 89/662/KEE, 90/425/KEE u 90/675/KEE ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 18(7) tagħha

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 22 (6) tagħha,

Billi:

(1) L-influenza tat-tjur hija marda virali infettiva fit-tjur ta' l-irziezet u l-għasafar, li tikkawża mwiet u tfixkil li malajr jista' jieħu daqs epiżotiku li kapaċi jkun ta' theddida serja għas-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika u li jnaqqas sew il-profitt ta' l-irziezet tat-tjur.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/693/KE tas-6 ta' Ottubru 2005 dwar ċerti miżuri protettivi rigward l-influenza tat-tjur fir-Russja ⁽³⁾ ġiet adottata wara tifqigħat ta' l-influenza tat-tjur fir-Russja. Dik id-Deċiżjoni tissospendi l-importazzjoni tat-tjur għajr tjur ta' l-irziezet,

mir-Russja u ta' rix mhux ipproċessat u partijiet mir-rix mhux ipproċessati minn dawk ir-reġjuni tar-Russja elenkati fl-Anness I ma' dik id-Deċiżjoni.

(3) L-influenza tat-tjur qed tkompli tfaqqgħa' f'ċerti partijiet tar-Russja u għalhekk huwa meħtieġ li l-perjodu għall-miżuri li huma previsti fid-Deċiżjoni 2005/693/KE jiġi mtawwal. Madankollu, id-deċiżjoni tista' tiġi riveduta qabel din id-data skond l-informazzjoni li tingħata mill-awtoritajiet veterinarji kompetenti tar-Russja.

(4) It-tifqigħat fil-parti Ewropea tar-Russja kollha seħħew fiż-żona ċentrali u l-ebda tifqigħat ma seħħew fir-reġjuni tat-tramuntana. Għalhekk, mhuwiex meħtieġ li s-sospensjoni ta' l-importazzjoni tar-rix mhux ipproċessat u partijiet mir-rix minn dan ta' l-aħħar tkompli.

(5) Id-Deċiżjoni 2005/693/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2005/693/KE qed tiġi emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 3, il-kliem "il-31 ta' Diċembru 2005" hu mibdul bil-kliem "il-31 ta' Marzu 2006".

2. L-Anness I hu mibdul bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 268, 24.9.1991, p. 56. Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

⁽²⁾ ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9. Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1).

⁽³⁾ ĠU L 263, 8.10.2005, p. 22. Id-Deċiżjoni kif emendata bid-Deċiżjoni 2005/740/KE (ĠU L 276, 21.10.2005, p. 68).

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa minnufih biex jikkonformaw ma' din id-Deċiżjoni u jip-pubblikaw dawk il-miżuri. Għandhom jinfurmaw immedjatament lill-Kummissjoni dwarhom.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, nhar il-21 ta' Diċembru 2005.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

"ANNEX I

Id-distretti federali tar-Russja msemmija fl-Artikolu 1(2) u (3)1. *Id-Distrett Federali tal-Lvant Imbiegħed*

Jinkludi s-Suġġetti li ġejjin tal-Federazzjoni Russa: Amur Oblast, id-distrett awtonomu ta' Chukotka, Jewish Autonomous Oblast, Kamchatka Oblast, Khabarovsk Krai, id-distrett awtonomu ta' Koryakia, Magadan Oblast, Primorsky Krai, ir-Repubblika ta' Sakha (Yakutia), Sakhalin Oblast.

2. *Id-Distrett Federali Siberjan*

Jinkludi s-Suġġetti li ġejjin tal-Federazzjoni Russa: id-distrett awtonomu ta' Aga Buryati, ir-Repubblika ta' Altai, Altai Krai, ir-Repubblika ta' Buryatia, Chita Oblast, id-distrett awtonomu ta' Evenkia, Irkutsk Oblast, Kemerovo Oblast, ir-Repubblika ta' Khakassia, Krasnoyarsk Krai, Novosibirsk Oblast, Omsk Oblast, id-distrett awtonomu ta' Taymyria, Tomsk Oblast, ir-Repubblika ta' Tuva, id-distrett awtonomu ta' Ust-Orda Buryatia.

3. *Id-Distrett Federali ta' l-Urals*

Jinkludi s-Suġġetti li ġejjin tal-Federazzjoni Russa: Chelyabinsk Oblast, id-distrett awtonomu ta' Khantia-Mansia, Kurgan Oblast, Sverdlovsk Oblast, Tyumen Oblast, id-distrett awtonomu ta' Yamalia.

4. *Id-Distrett Federali Ċentrali*

Jinkludi s-Suġġetti li ġejjin tal-Federazzjoni Russa: Belgorod Oblast, Bryansk Oblast, Ivanovo Oblast, Kaluga Oblast, Kursk Oblast, Lipetsk Oblast, Moscow (il-belt federali), Moscow Oblast, Oryol Oblast, Ryazan Oblast, Tambov Oblast, Tula Oblast, Vladimir Oblast, Voronezh Oblast.

5. *Id-Distrett Federali tan-Nofsinhar tar-Russja*

Jinkludi s-Suġġetti li ġejjin tal-Federazzjoni Russa: ir-Repubblika ta' Adygeya, Astrakhan Oblast, ir-Repubblika ta' Chechnya, ir-Repubblika ta' Dagestan, ir-Repubblika ta' l-Ingushetia, ir-Repubblika ta' Kabardino-Balkaria, ir-Repubblika ta' Kalmykia, ir-Repubblika ta' Karachay-Cherkessia, Krasnodar Krai, ir-Repubblika ta' Ossetia-Alania tat-Tramuntana, Stavropol Krai, Rostov Oblast, Volgograd Oblast.

6. *Id-Distrett Federali ta' Privolzhsky (Volga)*

Jinkludi s-Suġġetti li ġejjin tal-Federazzjoni Russa: ir-Repubblika ta' Bashkortostan, ir-Repubblika ta' Chuvashia, Kirov Oblast, ir-Repubblika ta' Mari El, ir-Repubblika ta' Mordovia, Nizhny Novgorod Oblast, Orenburg Oblast, Penza Oblast, Perm Oblast, id-distrett awtonomu ta' Permyakia, Samara Oblast, Saratov Oblast, ir-Repubblika ta' Tatarstan, ir-Repubblika ta' Udmurtia, Ulyanovsk Oblast."
